



---

**TESTI ADOTTATI**

---

**P9\_TA(2020)0044**

**Regolament li jemenda l-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020\*\*\***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' April 2020 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 fir-rigward tal-ambitu tal-Marġini Globali għall-Impenji (07170/2020 – C9-0110/2020 –2020/0055(APP))**

**(Proċedura leġislattiva speċjali – approvazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill (07170/2020),
- wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 312 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (C9-0110/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 105(1) u (4) u 163 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' regolament tal-Kunsill;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.